MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-8 ta' Awwissu, 2012

Numru 993/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**vs.**

**Carmelo sive Charles Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmelo sive Charles Borg ta’ 43, iben il-mejjet Emanuel u Nazzarena nee Portelli, imwieled Pieta, nhar l-4 ta’ Settembru 1960, u residenti fi Block 3, Flat 16, Binja Minzel, Gebel San Martin, Zejtun, detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru: 594760(M)

Akkuzat talli bejn Jannar tas-sena 2001 u Jannar 2003, fil-Mosta u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn elf lira (LM1,000) bi hsara ta' One Productions Ltd, Sound Vision Print, Ivan Gaffiero u Roderick Muscat (BAM Ltd) u dan bi ksur tal-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma li teccedi l-LM1,000, ghad-detriment ta' One Productions Ltd., Sound Vision Print, Ivan Gaffiero u Roderick Muscat (BAM Ltd.), liema somma giet fdata jew ikkonsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, dan bi ksur tal-Artikoli 293, 294 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi Carmelo sive Charles Borg sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-23 ta' Marzu 2000 u fis-17 ta' Mejju 2001.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra l-pieni stabbiliti mil-ligi, fejn applikabbli, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat l-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali fl-20 ta' Settembru 2005, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:
a) l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali;
b) l-artikolu 293, 294 u 310 tal-Kodici Kriminali;

c) l-artikolu 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Wara li semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

**Kumment dwar id-Dewmien f'dawn il-Proceduri**

Dawn il-proceduri gew istitwiti fit-3 ta' Dicembru 2003.

Fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2006, il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi, inqraw l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u billi l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kawza tkompli bi procedura sommarja, il-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza.

Fiz-zewg seduti ta' wara ma sar xejn, u fis-seduta tal-25 ta' April 2007 l-ufficjal prosekutur informa lill-Qorti li l-imputat ma setghax jigi rintraccat, filwaqt li l-avukat difensur informa lill-Qorti li l-imputat kien jinsab imsiefer. Fis-seduta ta' wara, cioé dik tat-18 ta' Lulju 2007, l-ufficjal prosekutur informa lill-Qorti li ma kienx jaf fejn jinsab l-imputat, u l-kawza giet differita *sine die*.

Fl-2011, l-imputat gie intraccat gewwa r-Renju Unit, u wara li ghadda proceduri ta' estradizzjoni fl-Iskozja fit-12 ta' Marzu 2012, gie estradit lejn Malta, u dawn il-proceduri regghu bdew jitkomplew mis-seduta ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2012.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti tal-kaz huma s-segwenti:

1. F’perjodu li ma jirrizultax preciz mill-atti, izda zgur qabel 21 ta’ Frar 2001,[1] l-imputat kien gie avvicinat mill-Financial Controller tas-socjeta kwerelanta One Productions Ltd., Nicholas Briffa, biex jigbor il-flus li terzi persuni kellhom jaghtu lil One Productions Ltd., principalment minhabba riklamar u *marketing*. Ghal bidu hu kien jahdem self-employed fuq bazi part-time, izda wara ftit gimghat huwa gie impjegat full-time bil-kuntratt,[2] u baqa’ hekk impjegat bhala credit controller ghal perjodu bejn l-14 ta’ Mejju 2001 u it-30 ta’ Settembru 2002.[3]

2. Xoghol l-imputat kien jikkonsisti filli s-socjeta One Productions Limited tghaddi lista ta’ kumpaniji jew nies li kellhom jaghtu flus lis-socjeta u l-imputat jigbor dawn il-flus minghand dawn in-nies u jghaddihom lis-socjeta One Productions Limited. Fil-prattika, l-imputat kellu jghaddi dawn il-flus lil Financial Controller tas-socjeta Nicholas Briffa.

3. Fost id-debituri ta’ One Productions Limited kien hemm is-socjeta BAM Ltd. u Gaffiero Productions, u l-imputat kien *inter alia* inkarigat li jigbor il-flus minghand iz-zewg entitajiet u jghaddihom lill-Financial Controller is-Sur Nicholas Briffa, bhalma del resto kellu jaghmel f’kull kaz iehor.

4. BAM Ltd. kienet thallas id-dejn taghha lil One Productions Limited permezz ta’ cekkijiet mahruga mill-kont ta’ entita ohra li kellha negozju taht l-isem Total Imports, pero c-cekkijiet kienu intestati fuq isem l-imputat. Roderick Muscat, li dak iz-zmien kien direttur tal-kumpanija BAM Ltd., xehed li l-imputat kien jghidlu li c-cekkijiet seta’ jaghmilhom fuq isem l-istess imputat,[4] u fil-fatt hekk kien isir. Mid-Dok NB3 ezebit mill-Financial Controller in kontro-ezami jirrizulta li d-dejn totali ta’ BAM

---

[1] Dan ghaliex l-ewwel cheque mahrug fuq isem l-imputat, izda intiz bhala pagament lil One Productions Limited, igib id-data 21 ta’ Frar 2001 – ara Dok JBC1 a fol. 101 tal-process.
[2] Ara xhieda tal-imputat a fol. 186 tal-process.
[3] Ara l-ETC *employment history* tal-imputat f’Dok BV1 a fol. 268 et seq. tal-process.
[4] Ara xhieda ta’ Roderick Muscat a fol. 118 tal-process.

Ltd. kien ta' LM 7,464.51, li ghadu dovut kollu sal-lum.[5] Fil-fatt fix-xhieda tieghu in kontro-ezami, il-Financial Controller Nicholas Briffa qal li ma ittiehdu l-ebda proceduri biex tingabar id-differenza bejn l-ammont li BAM ta lill-imputat, u l-bilanc mill-ammont ta' dejn globali ta' LM 7,464.51.[6]

5. Ivan Gaffiero, ta' Gaffiero Productions, xehed li kien ihallas id-dejn li kellu jaghti lill-One Productions billi jaghti lill-imputat flus kontanti, hlief ghal darba meta hareg cekk fuq isem l-imputat, ghax qallu l-imputat stess biex jaghmlu fuq ismu. Ivan Gaffiero xehed li huwa kellu dejn mal-One Productions Limited ta' LM2,100, u kien hallas minnhom LM1,400 billi tahom lill-imputat ammont ftit ftit, u ghalhekk kien fadallu jhallas lil One Productions Limited il-bilanc,[7] liema bilanc baqa' ma thallasx.[8] Min-naha l-ohra, fl-istqarrija tieghu, ezebita bhala Dok AG2[9], l-imputat innega li Ivan Gaffiero kien ghaddielu xi pagamenti biex ihallas id-dejn tieghu ma One Productions Ltd., izda fix-xhieda tieghu ammetta li Gaffiero kien ghaddielu cekk ta' LM100[10], ukoll pagabbli lill-istess imputat, biex ihallas parti mid-dejn tieghu lil One Productions Ltd., pero ma jghid xejn fuq l-allegati pagamenti l-ohra in kontanti[11], u in partikolari l-ircevuta ghal LM200 ezebita bhala Dok IG.[12], allegatament iffirmata mill-istess imputat. Mid-Dok NB4 ezebit mill-Financial Controller in kontro-ezami jirrizulta li d-dejn totali ta' Gaffiero Productions kien ta' LM 2,164.00, li ghadu dovut kollu sal-lum.[13]

Dak li mhux qed jaqblu fuqu il-partijiet, huwa bazikament punt wiehed kardinali: li fil-waqt li l-prosekuzzjoni qieghda tallega li l-flus migbura mill-imputat minghand BAM Ltd. u Gaffiero Productions, ma gewx mghoddija lil One Productions Ltd., kif l-imputat kellu d-dover li jaghmel, l-

[5] Ara Dok. NB3 a fol. 177 tal-process.
[6] Ara xhieda ta' Nicholas Briffa a fol. 173 et seq. tal-process.
[7] Ara xhieda ta' Ivan Gaffiero a fol. 40 et seq tal-process.
[8] Ara xhieda ta' Ivan Gaffiero in kontro-ezami a fol. 156 tal-process, u xhieda ta' Nicholas Briffa a fol. 173 tal-process u Dok. NB4 a fol. 179 tal-process.
[9] Ara fol. 26 et seq. tal-process
[10] Ezebit bhala Dok NB2 a fol. 95 tal-process.
[11] Ara xhieda tal-imputat a fol. 196 tal-process.
[12] Ara fol. 48 tal-process.
[13] Ara Dok. NB4 a fol. 179 tal-process.

imputat jinsisti li hu dejjem ghadda l-flus kollha li kien jigbor, inkluz ta' dawn iz-zewg debituri, lill-Financial Controller Nicholas Briffa.

## Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta li inizjalment is-socjeta One Productions Ltd. kienet qed tallega li l-imputat kien gie mghoddi u zamm ghandu d-dejn kollu dovut minn BAM Ltd. lill-istess socjeta, kif ukoll l-pagamenti li Gaffiero Productions kienet allegatament tatu ghas-saldu tad-dejn taghha mal-istess socjeta. Fil-fatt b'ittra datata 7 ta' Novembru 2002, ezebita bhala Dok ESJ1[14], One Productions Limited interpellat lill-imputat biex *inter alia* jirritorna lis-socjeta is-*"somma ta' LM7,464.51c … … li l-klijent tal-kumpanija ONE Productions Limited, is-Sur Roderick Muscat, ghaddielek ghan-nom ta' BAM Limited … …"* B'ittra ohra tat-12 ta' Novembru 2002, ezebita bhala Dok ESJ2[15], One Productions Limited qalet lill-imputat hekk: *"… … (I)rcivejna ittra minghand Gaffiero Productions dwar hlas li jammonta ghal LM2,162 … … liema hlas kien qieghed isir f'pagamenti fix-xahar lilek. Qed nitolbok tghaddi l-ammont li diga thallas minn Gaffiero Productions fi zmien hamest'ijiem mid-data ta' din l-ittra … …".*

L-ufficjal prosekutur ta' dak iz-zmien l-ex spettur Bernard Zarb, xehed illi huwa kien tkellem mal-managerial staff ta' One Productions Limited, cioe Nicholas Briffa u Etienne St. John, sabiex jispjegawlu f'iktar dettal il-kwerela li s-socjeta kienet ghamlet mal-Pulizija fil-konfront tal-imputat, datata 25 ta' Settembru 2003.[16] Huwa xehed hekk: *"Meta tlabthom a break down of events tat-transactions li kien qed jigbor is-Sur Carmel Borg, hawn hekk nghid li kelli nibghat lil PC 1226 Joseph Cutajar, li lum il-gurnata m'ghadux pulizija lanqas. Kien mar Super One Television u minn hemmhekk gabar xi figuri u xi dettalji."* Dan ix-xhud kellem ukoll lil Ivan Gaffiero u lil Roderick Muscat, li

[14] Ara fol. 85 tal-process.
[15] Ara fol. 86 tal-process.
[16] Ezebita bhala Dok AG1 a fol. 23 tal-process.

kien id-direttur ta' BAM Ltd. Dan l-ex-spettur jghid ukoll li *"anke ghamilt table … …tal-ammonti li kienu ghaddew lil Charles Borg, izda ma waslux ghand is-Super One. L-ammont li ghandi jien kien jitla ghal LM2300."*[17]

Il-Qorti tosserva li li fid-domandi tieghu fl-istqarrija, ezebita bhala Dok AG2,[18] mehuda fid-29 ta' Ottubru 2003, dan l-istess ex-spettur kien allega li l-ammont ta' cekkijiet moghtija minn BAM Ltd. fuq isem l-imputat, u li allegatament ma gewx imghoddija lil One Productions Limited kien ta' LM3,300.

L-ex PC 1226 Joseph Cutajar xehed illi:[19] *"Jiena kelli struzzjonijiet minghand l-ispettur Bernard Zarb biex naghmlu daqxejn tracking tal-flus li gew imhallsin minghand BAM … … lil One Productions … …. Fl-14 ta' Ottubru kont kellimt lil Nicholas Briffa u ftiehma li naghmlu appuntament ma' Roderick Muscat u fil-15 ta' Ottubru konna ltqajna. Issa kien hemm diffikulta biex nistipulaw x'gie mhallas u xi rcevew is-Super One minhabba li t-tnejn li huma ma ghandhomx record ta' accounts fejn kull payment jigi recorded skond l-invoice li qed tigi mhallsa. Kienu jahdmu b'sistema fejn isir bulk payment u jitfghuh fl-account. Minhabba f'hekk l-ewwel ma kont ghamilt, kont ghamilt lista li qieghda fil-file ta' x'invoices kienu hargu One Productions pero as such ma stajniex naqblu ezatt xi rcevew bhala somom ghax peress li kienu bulk, qisek ma tistax tinkwadra ezatt qiehed x'hallas u l-iehor xi rceva. B'hekk imbaghad ghamilna c-cekkijiet kollha li hareg BAM Ltd. u ghamilna l-istess lista u bdejna naraw mic-cekkijiet, liema rcevew u ssarfu u liema le. U hrigna cifra ta' LM2300 li BAM Ltd. qed jghidu li hargu u One Productions qed jghidu li ma rcevewx. Minn hemm stajna naqbdu s-somma li xi mkien ma waslitx fid-destinazzjoni li kellha tmur. … …*

*Is-sistema kienet Charles Borg kien il-persuna li qed jigbor il-flus ghal One Productions. Issa apparentement kien hemm ftehim mil-laqghat li kellna li Charles Borg kien*

[17] Ara xhieda ta' ex spettur Bernard Zarb a fol. 30 et seq. tal-process.
[18] Ara fol. 26 *et seq.* tal-process.
[19] Ara xhieda ta' ex-PC 1226 Joseph Cutajar a fol 34 *et seq* tal-process.

*jaghmel ic-cekkijiet fuq ismu, jigifieri kien jircievi cekkijiet f'isem Charles Borg u jghaddiehom lil One Productions. Ikun hemm countersign u kien isarrfuhom huma. Ir-raguni ghal din mhix cara, mhix prattika imma hekk kienet. Issa certu ammonti li hargu l-BAM waslu ghand One Productions u ohrajn ma waslux. … …*

*Ix-xoghol tieghi kien li nippruvaw nistipulaw cifra minhabba t-tahwid li kien hemm fil-pagamenti u fic-cekkiijiet li ma kienux sistema ordinarja ta' accounts, il-kompitu tieghi kien li nigu ghal cifra."*

In kontro-ezami l-ex-PC 1226 Joseph Cutajar xehed illi l-ammont ta' LM2300 ma nharigtx by *correct accounting process* imma *by elimination.*[20] Hu xehed ukoll li dak iz-zmien li sar dan l-ezercizzju, il-kwalifiki tieghu fl-accounts kienu ta' *A Level*.[21]

Minn din ix-xhieda jirrizulta li s-sistema ta' *accounts* mizmuma kemm mis-socjeta One Productions Limited kif ukoll mis-socjeta debitrici BAM Ltd. ma kienitx wahda skont l-arti u s-sengha.

In oltre, ghalkemm in kontro-ezami, il-Financial Controller tas-socjeta One Productions Ltd. Nicholas Briffa qal li ma kienx hemm istruzzjonijiet biex ic-cekkijiet minghand id-debituri jinhargu fuq isem l-imputat,[22] dan huwa kontradett mill-imputat li xehed li s-Sur Briffa kien tah istruzzjonijiet biex ic-cekkijiet jaghmilhom fuqu, cioe fuq isem l-imputat, u lilu itih il-flus kontanti, u dan biex jekk ic-cekkijiet ma jigux onorati mill-bank, ma jkollux tgerfix fl-accounts.[23] Il-verzjoni tal-imputat hija korroborata bix-xhieda ta' ex-PC1226 Joseph Cutajar, fuq riprodotta, li xehed li l-prattika kienet li c-cekkijiet jinhargu fuq isem l-imputat, li kien jiffirmahom u jghaddihom lil One Productions.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-imputat xehed li l-Financial Controller Nicholas Briffa ma kienx itih ricevuta tal-flus li

[20] Ara kontro-ezami ta' ex-PC 1226 Joseph Cutajar a fol. 151 tal-process.
[21] Ara kontro-ezami ta' ex-PC 1226 Joseph Cutajar a fol. 154 tal-process.
[22] Ara kontro-ezami ta' Nicholas Briffa a fol. 166 tal-process.
[23] Ara xhieda tal-imputat a fol. 193-194 u fol.196 tal-process.

jigbor.[24] Ghalkemm dan gie kontradett mis-Sur Briffa in kontro-ezami,[25] dawn l-allegati ircevuti qatt ma gew ezebiti f'dawn il-proceduri, ghalkemm gew mitluba mid-difiza.

Fid-dawl ta' dan l-istat tal-provi, fl-opinjoni kunsidrata ta' dina l-Qorti, il-prosekuzzjoni ma rnexxielix tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, u cioe 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310, 293, 294, 310, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u qieghda tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[24] Ara xhieda tal-imputat a fol. 189 tal-process.
[25] Ara kontro-ezami ta' Nicholas Briffa a fol. 165 tal-process.